MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 601/2002

**Nazzareno Meli**

**vs**

**Joseph Mintoff**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm2,750.00) rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa “***brevi manu***” lill-konvenut mill-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji tat-23 ta’ Awissu, 2002, u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax ulterjuri, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 ta' Dicembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.